31994R1549

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1549/94
tat-30 ta' Ġunju 1994
li jemenda ir-Regolamenti (KEE) Nru 388/92, (KEE) Nru 1727/92 u (KEE) Nru 1728/92 li jipprovdu regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-miżuri speċifiċi għall-proviżjon lid-dipartimenti Franċiżi barranin, l-Ażores, il-Madeira u l-Gżejjer Kanarji bi prodotti taċ-ċereali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru) 3763/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 li jintroduċi miżuri speċifiċi dwar ċerti prodotti agrikoli għall-benefiċċju tad-dipartimenti Franċiżi barranin [1], kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3714/92 [2], partikolarment l-Artikolu 2(6) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru) 1600/92 tal-15 ta' Ġunju 1992 dwar miżuri speċifiċi għall-Ażores u l-Madeira li għandhom x' jaqsmu ma' ċerti prodotti agrikoli, [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1974/93 [4], u partikolarment l-Artikolu 10 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolamenttal-Kunsill (KEE) Nru 1601/92 tal-15 ta' Ġunju 1992 dwar miżuri speċifiċi għall-Gżejjer Kanarji li għandhom x'jaqsmu ma' ċerti prodotti agrikoli [5], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1974/93, u partikolarment l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru) 1766/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni fis-suq taċ-ċereali [6], kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2193/93 [7], u partikolarment l-Artikolu 26(3) tiegħu,

Billi l-Artikolu 6 tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) 388/92 [8], kif l-aħħar emendat bir-Regolamenti (KE) Nru 329/94 [9], (KEE) No 1727/92 [10], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) No 1075/94 [11], u (KEE) Nru 1728/92 [12], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1157/94 [13], jipprovdi għall-aġġustament ta' l-għajnuna mogħtija fuq il-bażi tad-differenza tal-limitu tal-prezz taċ-ċereal in kwistjoni bejn ix-xahar li fih iċ-ċertifikati ta' l-għajnuna jiġu applikati u x-xahar li fih kull tniżżil ikun sar fuq iċ-ċertifikat;; billi t-tniżżil fuq iċ-ċertifikat isir skond l-Artikolu 3(6) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 131/92 [14], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2596/93 [15], f'dak li jirrigwarda d-dipartimenti Franċiżi barranin u skond l-Artikolu 4(7) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1695/92 [16], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2596/93, u (KEE) Nru 1696/92 [17], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2596/93, f'dak li jirrigwarda l-Gżejjer Kanarji u l-Ażores u l-Madeira rispettivament; billi id-dħul fuq iċ-ċertifikat 'ta l-għajnuna' isir fid-destinazzjoni mill-awtoritajiet lokali mal-presentazzjoni tal-prodotti li għalihom ikun jirreferi;

Billi hemm tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet komuni b'effett missena tas-suq 1993/94; billi bħala riżultat taż-żmien meħtieġ sabiex konsenji jaslu fid-dipartimenti Franċiżi barranin, l-Ażores, il-Madeira u l-Gżejjer Kanarji mill-parti kontinentali tal-Komunità, dan l-aġġustament qiegħed x'aktarx jippenalizza operaturi li għandhom rabta tal-provvisti fl-aħħar tas-sena tas-suq; billi huwa għalhekk vitali biex isiru derogi minn dawn id-dispożizzjonijiet biex jiffaċilitaw it-transizzjoni mis-sena tas-suq 1993/94 għal dik tal- 1994/95;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-aġġustament li għalih jipprovdi l-Artikolu 6 tar-Regolamenti (KEE) Nru) 388/92, (KEE) Nru 1727/92 u (KEE) Nru 1728/92 ma għandux japplikaw jekk l-operatur iġib prova għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti fir-reġjun tad-destinazzjoni li ċ-ċereali u l-prodotti taċ-ċereali minbarra l-qamħirrum u s-sorgu ppreżentati għad-dħul skond iċ-ċertifikat ta' l-għajnuna kienu ntbagħtu qabel l-1 ta' Lulju 1994, jew, fil-każ tal-qamħirrum jew tas-sorgu qabel l-1 ta' Ottubru 1994.

Il-prova tingħata bil-mezz tal-polża ta' kargu jew xi dokument ieħor tat-trasport li jkun jippreżenta garanzija suffiċjenti, debitament magħmul fil-waqt li jiġi mibgħut.

L-Artikolu 2

Dan-ir-regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum li jiġi wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal- Komunitajiet Ewropej*.

---

[1] ĠU L 356, ta' l-24.12.1991, p. 1.
[2] ĠU L 378, tat-23.12.1992, p. 23.
[3] ĠU L 173, tas-27.6.1992, p. 1.
[4] ĠU L 180, tat-23.7.1993, p. 26.
[5] ĠU L 173, tas-27.6.1992, p. 13.
[6] ĠU L 181, ta' l-1.7.1992, p. 21.
[7] ĠU L 196, tal-5.8.1993, p. 22.
[8] ĠU L 43, tad-19.2.1992, p. 16.
[9] ĠU L 42, tal-15.2.1994, p. 3.
[10] ĠU L 179, ta' l-1.7.1992, p. 101.
[11] ĠU L 120, tal-11.5.1994, p. 1.
[12] ĠU L 179, ta' l-1.7.1992, p. 104.
[13] ĠU L 130, tal-21.5.1994, p. 9.
[14] ĠU L 15, tat-22.1.1992, p. 13.
[15] ĠU L 238, tat-23.9.1993, p. 24.
[16] ĠU L 179, ta' l-1.7.1992, p. 1.
[17] ĠU L 179, ta' l-1.7.1992, p. 6.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fi-30 ta' Ġunju 1994.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni